Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.

Illum, il-11 t'April 2019

**Pulizija**

**vs**

**Noel Apap**
**Nomar Apap**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet kontra:

Noel Apap ta' 42 sena iben Carmelo Apap u Anna Apap nee Cassar, imwieled Pieta nhar il-10 ta' Settembru 1972, u residenti, Dark Side of the Moon, Flat 1, Triq id-Duka ta' Edinburgh, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita 526972M u

Nomar Apap ta' 22 sena iben Noel Apap u Mariella Apap nee Theuma, imweield Pieta nhar il-29 ta' Mejju 1992, u residenti, 39, Triq id-Duka ta' Edinburgh, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita 291392M

Billi kienu akkuzati talli:

1. Nhar it-22 ta' Novembru, 2014 bejn il-hdax u nofs ta' filghodu (11:30hrs) u n-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar (12:35hrs) gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ingurjajaw, insulentaw jew heddu bi kliem lil WPS 145 Graziella Camilleri persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezza jew tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz (Kap 9, Sec 95);

2. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanza volontarjament kissru l-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat storbju jew glied (Kap 9, Sec 338 (dd));

3. U aktar talli nhar it-22 ta' Novembru, bejn il-hdax u nofs ta' filghodu (11.30hrs) u n-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar (12.35hrs) gewwal-Hamrun ghamlu griehi ta'

VERA KOPJA

natura hafifa lil Raymond Debattista hekk kif gie iccertifikat minn Dr R Sammut Med No. 1819 tal-Klinika tal-Floriana (Kap 9, Sec 338 (bb)).

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti processwali u d-dokumenti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tas-16 t'April 2015, xehdet *in ezami*, u fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2018 *in kontro ezami*, WPS 145 Graziella Camilleri li nhar it-22 ta' Novembru 2014, ghal habta ta' nofsinhar hi giet infurmata illi gewwa Triq San Gejtanu, il-Hamrun, kien hemm argument u l-kollegi taghha marru fuq il-post izda hi ma marritx ghax kienet qieghda tiehu rapport iehor. Ftit wara kien mar l-ghassa min jeddu Raymond Debattista li ta l-verzjoni tieghu ta' x'gara gewwa Triq San Gejtanu. Huwa qal illi kien hemm argument verbali li skala b'arma. Kien hemm gulja kbira li giet ezebita quddiem il-Magistrat Josette Demicoli u nstab ukoll bott pepper spray. Raymond Debattista kellu riha ta' pepper spray u ghajnejh homor. Wara li haditlu l-istqarrija innutaw illi kien hemm il-partijiet l-ohra li kienu involuti fl-incident u Raymond Debattista saqsiha biex twasslu sa l-antiporta. Kif dahret lemhet lil Noel Apap li gharfet fl-awla, jiftah tieqa li kien hemm bi dritt l-antiporta b'certu heffa u hi qaltlu biex ma jmiss it-tieqa. Hu wegibha, "*inti lili qed tghid a injoranta, ta' xejn b'xejn libsa n-nuccalli. Stupida, bhan-nisa, ghalhekk sejrin tajjeb hawn, ghax qed nitmexxu minn nisa.* Ix-xhud kompliet tghid li dan qal hekk, ghax l-ghassa tal-Hamrun il-Maggur u l-iSpettur huma nisa. It-tifel tieghu Nomar Apap, li gharfet ukoll fl-awla ukoll ghajjarha kiesha, mara arroganti u ghax tilbes in-nuccalli. Dakinhar kien l-ewwel darba li rat lil dawn in-nies ghax hi tahdem l-ghassa tar-Rabat. Dakinhar kienet l-ghassa tal-Hamrun ghax kollega taghha kien bis-sick leave. Dak il-hin kien hemm l-orderly bin-numru 1469, li jirrispondi t-telephone li kien wara l-bank ma' genb l-antiporta u kien hemm ukoll ix-xufier PC948 gewwa l-ghassa. Wara li inqalghet il-kommossjoni giet l-iSpettur u l-Maggur tal-ghassa. Ix-xhud kompliet tghid li Noel Apap aktar ma ra nies iktar beda jirvilla u jghid illi hi ha tbabaslu r-rapport u tikteb li trid u tigi emmnuta. Ix-xhud ikkonfermat rapport esebit fil-process a foll. 8 et seq u li hi hejjiet sa pagna 3, ghax meta Noel Apap allega li hi kienet ser tikteb li trid, hi ma haditx il-verzjoni taz-zewg imputati, u minflokk hadhom PC 948. Ix-xhud kitbet li qalu lilha imma wara gie aggornat minn PC 948. Fil-kontro ezami xehdet li hi akkompanjat lil Raymond Debattista sa l-antiporta ghax kien qieghed jibza'u lemhet lil Noel Apap jipprova jiftah it-tieqa. Ix-xhud qalghet li Noel Apap fl-ebda hin ma qalilha li kien qieghed jibza' li Raymond Debattista ha jaghmillu xi haga fuq il-karrozza, imma

beda jghajjarha, izda ma hassitix mhedda. Hi taghtu ordni u ma tax kasha u gholliet ftit lehenha. Mistoqsija jekk bdietx tipponta subghajha go wiccu hi wiegbet fin-negattiv.

Fis-seduta tas-16 t'April 2015 xehdet *in ezami*, u fis-seduta ta l-24 ta'Mejju 2018 *in kontro ezami*, SM 85 Maggur Audrienne Cassar, illi fit-22 ta' Novembru 2014 hi kienet xoghol l-Hamrun u waqt illi kienet hierga mill-ufficju ta' fuq, semghet l-ghajjat u gharfet lehen is-surgent. Hi harget u rat zewgt irgiel li kellhom xi jghidu mas-Surgent 145. Xi hadd minnhom beda jghajjarha stupida, injoranta, pastaza u ghax bin-nuccalli u arroganti u ghalhekk kellmuh. Waqt il-konfuzzjoni l-imputat, illi hi gharfet bhala Noel Apap fl-awla, beda jinsisti li t-tieqa tal-ghassa kienet miftuha u huma qalulu li kienet maghluqa. Beda jghajjarhom li kienu bla numru u hi spjegajtlu li Spettur u Maggur jkunu bla numru, u hu qal "*hekk sew hafna nisa b'hekk mexjin tajjeb fil-korp*". Fl-ebda hin ma xejjer idejh jew kien hemm vjolenza fisika. Lil imputat l-iehor Nomar Apap ma semghetu jghid xejn.

PC 948 Christian Gauci xehed fl-istess seduta, illi fit-22 ta' Novembru 2014 kien mar fit-Triq San Gejtanu, il-Hamrun u kif wasal ra lil Nomar Apap li kellu d-demm nizel min-naha tax-xellug ta' wiccu u kien hemm ukoll Noel Apap li qallu li kienu gew aggrediti minn Raymond Debattista b'hadida. Noel Apap kien qallu li kien uza pepper spray biex jiddefendi ruhu u PC 948 sikktu ghax ma kienx ghadu tah id-dritt tal-Avukat. Marru jaghmlu certifikat il-health centre tal-Floriana u kif waslu l-ghassa kien hemm Raymond Debattista qiegħed jaghmel rapport. Skond Marcelle Apap, li jigi t-tifel ta' Noel Apap, Raymond Debattista kien ser jolqot lil huhom iz-zghir li huwa minuri bil-vettura, waqt lli kien qed jirriversja. Raymond Debattista kien qieghed jkellem lis-Surgent 145 fl-ufficju tas-Surgent li jinsab faccatta kif tidhol. Is-sinjuri Apap kienu qeghdin jistennew lis-Surgent fejn hemm tieqa ghal barra li kienet maghluqa. Is-Surgent akkompanjat lil Raymond Debattista biex johrog halli ma jinqalax aktar inkwiet u s-Surgent wissiet lil Noel Apap biex ma jiftahx it-tieqa, izda hu qal illi kien qieghed jittawwal lil vettura tieghu li kienet quddiem l-ghassa. Noel Apap mbaghad beda jghajjar lis-Surgent stupida, arroganti, ghax bin-nuccalli ma tarax u li ghax n-nisa tawhom id-drittijiet jaghmlu li jridu u ser jbabsu r-rapport. Dan gara quddiem l-iSpettur u kienet ukoll niezla l-Maggur minn fuq, u kien hemm ukoll il-PC 1469 li kien qed jiehu hsieb it-telephone. Hu beda jsikktu u taghhom id-dritt tal-Avukat, fejn l-imputati qalu li xtaqu jikkonsultaw mal-Avukat taghhom, u wara hadilhom l-verzjoni taghhom. L-ewwel parti tar-rapport ghamlitu s-Surgent u hu kompla mill-pagna 3 fejn hemm indikat minn PC 948 l-isfel.

Xehed ukoll fl-istess seduta PC 1469 illi dakinhar tal-incident hu kien telephone orderly. Ghal habta tan-nofs siegha dahhlu l-ghassa Noel Apap u Nomar Apap, li x-xhud indika li gharaf fl-awla, li kienu involuti fi glieda fit-Triq San Gejtanu, il-Hamrun, u gew l-ghassa biex tittiehed il-verzjoni taghhom. Sakemm stennew marru hdejn it-tieqa li kienet maghluqa u x-xhud qal li ra lil imputat Noel Apap f'xi hin jitawwal barra mit-tieqa ghax kien fetahha. Is-Surgent 145 qaltlu biex jidhol il-gewwa u jaghlaq it-tieqa u

VERA KOPJA

Noel Apap beda jghajjarha stupida u li ghandha bzonn nuccalli gdid u kif hargu l-iSpettur u l-Maggur aktar beda jirvilla u qal illi b'hekk sejjer tajjeb il-korp ghax hemm hafna nisa jahdmu fil-korp. Hu pprova jwissi lil Noel Apap biex jieqaf izda aktar ma ra nisa aktar beda jghid kontrihom. Fil-kontro ezami jghid illi ma semghax lil Noel Apap jghid li beza' li Raymond Debattista jaghmillu xi haga mal-karrozza. Fl-eba hin ma ra lil Noel Apap jkun aggressiv imma kien agitat u insulta lis-Surgent ghax bin-nuccalli, izda Nomar Apap ma tniffiesx. Is-Surgenta gholliet lehenha bhala awtorita.

WPS 145 giet riprodotta fis-seduta tas-16 t' April 2015, fejn kkonfermat illi Noel Apap u Nomar Apap it-tnejn inghataw is-solitu twissija u kkonfermat il-firem. F'ta' Nomar Apap gharfet il-firem taghha, tal-iSpettur Sarah Magri u ta' Nomar Apap, u f'ta Noel Apap inghata s-solitu twissija pero ghazel li ma jiffirmahx. Fil-kontro ezami ikkonfermat illi waqt l-istqarrija beda jghid li ma kienx komdu bil-prezensa taghha. Mistoqsija kemm-il darba qal hekk hi rispondiet illi darba.

Illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016, xehdet *in ezami* l-iSpettur Sarah Magri u fis-seduta ta' 19 t'April 2018, *in kontro ezami*, illi fit-22 ta' Novembru 2014, kienet stazzjonata l-ghassa tal-Hamrun meta bdiet tisma' certu ghajjat li kien gej min-naha ta' fejn jkun l-orderly. F'dak il-hin kienet isfel u marret biex tara x'kien ghaddej fejn rat lil Noel Apap u Nomar Apap hdejn it-tieqa li kienu qeghdin jargumentaw mas-Surgent 145 li kienet duty l-ghassa tal Hamrun. Hi marret tkellimhom biex twaqqafhom ghax bdew jghollu lehinhom mas-Surgent. Noel Apap beda jghid kliem bhal ahjar tirranga n-nuccali u beda jghid kliem kontra n-nisa u li nindirizzaw in-nies bl-awtorita u indirizza lis-Surgent bhala injoranta, u li s-Surgent qaltlu biex jersaq mit-tieqa ghax il-parti l-ohra u cioe' Raymond Debattista, kien ghadu kif hareg mill-ghassa sabiex ma jergax jkun hemm inkontru bejniethom. Innutat illi Nomar Apap kellu xi griehi f'rasu, u kellu xi punti f'rasu, izda Noel Apap ma kellux griehi vizibbli u fil-fatt wara rrizulta illi ma kellux griehi. L-Imputati bdew jghidu li ha jmorru jirappurtaw l-internal affairs u b'hekk bdew jitolbuhom in-numru u x-xhud qaltilhom li m'ghandix numru imma tathom isimha u kunjomha. Kien hemm ukoll PC1469 l-ghassa li kien l-orderly, kif ukoll PC 948 li kien ma Raymond Debattista f'kamra apparti, ma genb l-orderly u mar hdejn l-imputati Apap biex jipprova jsikkithom biex ma' tkomplix tikber l-affari. Hi ma kellmitx lis-sinjuri Apap, izda halliet f'idejn is-Surgenta biex tiehu l-verzjoni taghhom. Wara s-Surgenta marret tghidilha li peress illi baqa' ghaddej id-diskors, hi ma kinitx ser tiehu l-verzjoni taghhom u halliet f'idejn PC 948 sabiex jiehu l-verzjoni ta' x'gara. Wara li dahal r-rapport saret taf illi kien hemm argument bejn Noel Apap u uliedu Nomar u Marcelle Apap kontra Raymond Debattista, fejn Raymond Debattista kien hareg xi ghodda li biha ta' daqqa lil Nomar Apap f'rasu u ghamillu griehi. Raymond Debattista qal illi ntuza' pepper spray fuqu. Il-pepper spray kien f'idejn xi hadd mill-familja Apap, fejn Raymond kellu griehi hfief ta' pepper spray fuqu. B'referenza ghall-istqarrija ta' Nomar Apap a foll. 12 sa 16 din kienet haditha fil-24 ta' Novembru 2014 fil-prezenza tas-Surgent 145 u gharfet il-firma taghha, tas-Surgent u ta' Nomar Apap. Hu wiegeb ghal mistoqsijiet kollha anke wara li nghata s-solitu twissija, kif ukoll inghata d-dritt li

VERA KOPJA

jkellem lil avukat tieghu. Kemm hu kif ukoll missieru riedu jkellmu lil Dr. Mario Demarco imma Dr Demarco kien msiefer u ma riedu jkellmu lill ebda Avukat iehor. A foll 17 sa 22 hija kkonfermat li hemm l-istqarrija ta' Noel Apap fejn gharfet il-firma taghha u tas-Surgent 145 izda Noel Apap ghazel li ma jiffirmax. Fl-istqarrija Noel Apap ghazel li jwiegeb ghal mistoqsijiet dwar l-argument gewwa Triq San Gaetano, il-Hamrun izda ghazel li ma jwegibx ghad-domandi dwar x'gara fl-ghassa. Ix-xhud mistoqsija fil-konto ezami liema naha qieghda t-tieqa meta thares minn barra hi wiegbet li fin-naha tal-lemin. Mistoqsija kinitx taf ta' min kienet il-vettura li kienet ipparkjata taht it-tieqa, ix-xhud qalet li tahseb illi kienet ta' Noel Apap izda t-tieqa kienet maghluqa. Hija qalet ukoll illi biex Raymond Debattista johrog mill-ghassa kellu jghaddi minn quddiem din il-karrozza, u kkonfermat illi Noel Apap beda jghid illi kien qieghed jibza' li ha ssirlu hsara, izda skond kif qalilha l-Pulizija li minghaliha kien PC 948, wara li hareg, Raymond Debattista m'ghaddiex ezatt minn quddiem it-tieqa izda qasam il-bankina ghan-naha l-ohra. Dan PC 948 kien jafu, ghax kien hareg mieghu u rah mill-bieb li huwa tal-hgieg. Fil-kontro ezami l-iSpettur tghid, illi l-ewwel rapport li dahal kien ta' Raymond Debattista, pero' hi la rat lilu jasal u lanqas lis-sinjuri Apap, u l-ewwel li rathom kienu wara illi bdew jargumentaw mas-Surgent hdejn it-tieqa u rat lil Raymond hiereg. Tghid illi semghet il-glied mas-Surgent ghax gharfet lehenha, ghax bdiet tgholli lehenha, kif ghamlu l-imputati Apap. Is-sinjuri Apap kienu bil-wieqfa hdejn din it-tieqa u kienu qishom qeghdin jargumentaw dwar jekk infethitx it-tieqa u bdew ixejru jdejhom. Fl-ebda hin ma gew mmanetjati jew arrestati, ghax huma ma uzawx forza, jew kienu ta' theddida, imma baqaw imeru li t-tieqa kienet miftuha u intqal ukoll certu kliem. Il-kliem ezatt ma setghetx tiftakru imma daghha ma sehhx, imma kliem iehor li toffendi l-persuna. Hi hadet statement ta' Raymond u harget l-akkuzi kontrih ta' griehi gravi fil-konfront ta' Nomar Apap. Waqt l-istatement Raymond Debattista kkopera u peress li hu kien ukoll garrab griehi hfief, bghatuh jaghmel certifikat. L-iSpettur nnutat li kellu hmura m'ghajnejh.

Xehed Raymond Debattista fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2017 *in ezami* u fis-seduta tad-19 t'April 2018 in *kontro ezami*, fejn qal illi kien qieghed jipparkja l-karrozza gej b'lura f'post fi Triq San Gejtanu, il-Hamrun ghax kien sejjer jaghti lil ommu tiekol. Kien hemm wiehed li qallu, "*aremm ghax kont ser tolqot lil hija*" u hu qallu, "*l-ewwel bicca xoghol lil huk missek zammejtlu idejh tifel ta' seba' snin mhux thallih jigri fuq il-bankina wahdu*". Dan l-istess persuna beda jparla u jisfida u b'hekk ix-xhud hareg mill-karrozza, fejn ix-xhud stqarr li lil din il-persuna mhux qieghed jarah fl-awla tal-Qorti, u qal lil ohtu bix tmur tghid lil missieru u lil huh biex jigu u f'daqqa wahda kien hemm tlett persuni li bdew jqallbu fil-karrozza taghhom u minn hemm rah jaqbad kanna imma ma marx biha u x'hin ra hekk hu fetah il-bagol tal-karrozza u qabad il-gulja. Ix-xhud imbaghad indika lejn Noel Apap u qal li dan qabad pepper spray u beda jisprejja u hu ghola dirghajh biex jilqa' ghajnejh u hass lil xi hadd ma jafx min jaqbdu mill-ghonq u gibdu l-isfel u lura u tefawh ma l-art u qabdu jaghtuh bis-sieq u li kien hemm xi hadd waqqafhom u wara marru l-ghassa. X'hin kien hiereg mill-ghassa mas-Surgent, xi hadd minnhom qal *mela poggejtu flimkien* u sema' it-twieqi u storbju u ghajjat imma hu baqa' sejjer. Mar il-

polyclinic u ghamel certifikat. Fil-kontro ezami jghid illi kien hemm tfajla maghhom imma din ma kinitx involuta f'xejn. Ix-xhud qal li hu hareg mill-karrozza ghax il-guvni beda jisfidah ghal-glied ghax mar mat-tieqa tal-karrozza u beda jghidlu *ohrog minn hemm* u joffendih bil-famlja. Hu jammetti illi hareg mill-karroza imma mhux ghal glied ghax fil-fatt kienet waqfet hemm u kompla jipparkja l-karrozza ghax kien ghadu lanqas ipparkja sew. Hu kien sejjer jitma l-ommu u ra lil Noel Apap johrog kanna mill-karrozza u marru t-tlieta ghalih. Izda ma gewx bil-kanna lejh. Ix-zhud qal li hu kien ipparkjat xi mija u hamsin metru l boghod. Hu x'hin ra li hargu l-kanna dar lura lejn il-karrozza tieghu u hareg gulja biex jiddefendi ruhu. Gulja hija trapan li tintuza biex ittaqqab il-hajt u li fiha xi nofs metru. Huma gew bir-rankatura bil pepper spray meta kien vicin id-dar ta' ommu u bdew jaghtuh bil-ponn u bis-sieq waqt li hu kellu idejh jghattu wiccu minhabba fil-pepper spray u l-gulja kienet fuq spallejh u xi hadd hatfu mill-ghonq tal-qmis u instabat mal-art u kien qieghed jaqla hafna daqqiet tas-sieq fil-kustilji ghax kellu tlieta fuqu.

Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2017, xehed Noel Apap, fejn qal illi hu kien miftiehem mat-tifel iz-zghir ta' sebgha snin biex jiehdu l-physical test tal-football u kif wasal hdejn id-dar ipparkja ezatt taht it-tieqa, induna li gara xi haga u saqsa x'gara. It-tifel Marcelle qallu li kien hemm wiehed li kien qieghed jipparkja hazin hdejn il-kantuniera u kien ser jtajjar lil huh iz-zghir. Huwa mexa xi hmistax il-metru lejn salib it-toroq fejn qallu t-tifel u ra persuna hierga mill-karrozza li kellu xi haga twila f'idejh u kien ipparkjat fil-kantuniera fuq double yellow line. Ir-ragel beda riesaq lejh u gharaf illi l-hadida li kien qed igorr dan ir-ragel kienet gulja u li ra lil din il-persuna miexi lejn il-parapett u hu haseb illi ha jmur ghat-tfal. Ix-xhud qal li beda jilqa'd-daqqiet ghax dan ir-ragel beda jxejjer il-haddieda go wiccu u ghajnejh  u li din il-persuna ghamillu *slight injuries*. Fil-pront gie t-tifel il-kbir li mar hataf lil dan ir-ragel minn qaddu u spiccaw mal-art. It-tifel qala daqqa f'rasu u waqghu t-tnejn mal-art u hu, t-tifel u mara pprovaw jiehdulu l-hadida.Ix-xhud qal li lil dan ir-ragel ghafaslu l-polz b'saqajh u fetah idejh u hadulu l-hadida. Dan ir-ragel telaq u mbaghad gew il-pulizija jiggieldu max-xhud fejn bdew jinsistu li l-ewwel jmorru jaghmlu rapport imbaghad jiehu t-tifel l-isptar, flokk gabu ambulanza. Meta hu u t-tifel dahlu l-ghassa, raw lil Raymond jaghmel ir-rapport u kien qieghed jixrob il-kafe. Lix-xhud qalulu biex joqghod hdejn it-tieqa u hu ra lil Raymond hiereg.  Ix-xhud qal li l-karrozza tieghu kienet ipparkjata taht dik it-tieqa li kienet miftuha ghax dejjem miftuha kienet tkun izda wara l-kaz irrangawha. Marret pulizija mara fuqu u li ma kellha ebda numru li hija l-145 u qabdet tghajjat u taghmel subghajha ma wiccu u tghidlu min qallek tiftah it-tieqa? Hu wiegeb li ma fetahiex imma kien qieghed biss jittawwal. Beda jghidilha biex tnehhi subghajha minn ma wiccu u qallha jaqaw tuza' nuccali. Ma setghet qatt tarah jiftah it-tieqa, jitawwal u jissendika imma ma harigx rasu. Ix-xhud qal li hu beda jghidilha biex tersaq metru l'boghod minnu, imma hi baqghet b'subghajha go wiccu tghidlu li ratu.. Imbaghad giet pulizija mara ohra ukoll bla numru li qalet lix-xhud u lit-tifel tieghu biex mmorru jaghmlu rapport u s-Surgent 145 bdiet taqbez u ixxejjer idha li ma riditx taghmlilhom rapport. Kien hemm xi 8 pulizija u hu qalilha biex iddahal pulizija maghha jekk kienet qieghda tibza,' izda

VERA KOPJA

baqghet tirifjuta li taghmel rapport. Ir-rapport ghamlu pulizija iehor li huwa l-istess pulizija li qallu *mela ahna qeghdin mieghek* meta ix-xhud qallu biex jigbor ic-certifkat mil-isptar li baqa' ma ngabarx. Ghalkemm beda jsaqsi ghan-numru tal-pulizija baqghu ma tawhomlux u lanqas taw isimhom. Mistoqsi jekk hu attakkax lil parte civile bil-pepper spray hu qal illi le la hu u lanqas hadd mit-tfal jew min-nies. Mistoqsi jekk hu jew xi hadd hareg hadida mill-karrozza tieghu, x-xhud wiegeb illi fl-ebda hin, u li kien biss wara li telaq, illi hareg vireg tal-aluminium li kellu fil-karrozza.  Huwa qal illi sar jaf illi l-parte civile huwa xufier ta' Mhallef u li hemm kawza ohra fejn huma talbu li tizdied l-akkuza tal-feriti hfief fuqu, izda rrifjuta peress illi xi akkuzi kienu ser jkunu preskritti.

Illi Nomar Apap xehed fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2017, fejn qal li huwa bin Noel Apap, u waqt illi kien rieqed sema' hafna storbju gej minn barra u nizel isfel u ra l- bieb ta' barra miftuh u minn gol bieb ra lil Raymond Debattista ixejjer xi haga f'idu li kienet forma ta' salib kwazi ma wicc missieru. Ix-xhud qal li peress illi missieru kien waqgha xi hames sulari ma tantx jara u jzappap. Hu hareg ghax beza' li dan ir-ragel kien ha jwegga' lil missieru, kif imbaghad spicca sabiex wegga lilu u dan ghax metaix-xhud qabdu minn qaddu, Raymond Debattista tah daqqa bil-hadida u stordih u waqqghu ma' l-art mieghu ghax baqa' jzommu. Fil-fatt ix-xhud ghandu l-punti li jidhru vizibilment fuq mohhu. Wara gew il-pulizija u bdew jghidu lil missieru biex jinzlu l-ghassa jaghmlu rapport meta x-xhud kellu rasu miftuha. Rigward l-incident ta' gewwa l-ghassa, ix-xhud qal li missieru ma offendix jew ghajjar lil pulizija, imma veru li qalilha tan-nuccali, imma skond ix-xhud, is-Surgent ma hadditix hazin dak il-hin ghax qabdet in-nuccali mill-but u qaltlu "*iva hawnhekk qieghed*". Missieru beda jitlobha tnizzel idejha u hu qalilha qed jghidlek tnizzel idejk mela inti daqshekk pastaza u arroganti ghax kienet qisha qed ticcalingjah.

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2017, xehdet Maria Krista Apap fejn qalet li huta z-zghar Neil u Marcel Apap marru jixtru u waqt illi kienet gewwa d-dar semghet li huha z-zghir li dak iz-zmien kellu sebgha snin jghajjat u harget u saqsiethom x'gara. Marcel qal illi kellu xi jghid ma ragel ghax kien ha jtajjar lil Neil. Hi kompliet tghid li imbaghad rat ragel gej lejn il-parappett ixejjer hadida u jghidlu ejja l'hawn u wasal missierha ghax kien sejjer biex jiehu lil huha z-zghir il-football, u missiera kif ra lil dan ir-ragel, mar biex jehodlu l-hadida. Dak il-hin nizel Nomar li jigi hu x-xhud ukoll, u dahal jifred lil missierha minn ma dan ir-ragel. Missierha kien qieghed jipprova jehodlu l-hadida ghax dan ir-ragel beda jaghti lil Nomar f'rasu, u Nomar u dan ir-ragel kienu mal-art mqabbdin ma xuxlin, u missierha irnexielu jehodlu l-hadida u tefaha taht il-karrozza biex tkun il-boghod, u l-iehor qabadha u telaq jigri biha. Kienet hadida mdawwra. Ix-xhud kompliet tghid li kien hemm in-nanna taghha li waqt li qed tara dan kollu kien qisu ha jatighha attakk tal-qalb u huwa z-zghir beda jibki. Imbaghad waslu l-pulizija u qalu lil Nomar biex jmur l-ghassa l-ewwel. Nomar wegga' u kellu d-demm ma rasu. Mistoqsija dwar x'kien qieghed jaghmel Marcel, hi qalghet illi kien hemm, imma kien qieghed jzomm liz-zghir. Mistoqsija jekk missierha jew huha kellhom xi arma f'idejhom, hi wiegbet illi ma kellhomx u mistoqsija dwar jekk xi hadd kellu pepper spray hi

VERA KOPJA

wiegbet li zgur li hadd ma kellu. Ix-xhud kompliet tghidli hi ma rat lil hadd jaghti daqqiet lil Raymond meta kien ma l-art u ma ratx kif spicca mal-art.

Xehed it-tabib Dr David Agius fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2017 fejn stqarr li ezamina lil Noel Apap fit-22 ta' Novembru 2014 f'Mater Dei u sablu griehi hfief f'ghajnejh ix-xellugija, ghajn hamra u barxa fuq il-cornea ta' l-ghajn ix-xellugija li tiehu ftit sieghat jew jiem biex tfieq. Huwa qal li ma jiftakarx jekk kienx inghata spjegazzjoni ta' kif graw il-griehi. Fl-14 ta' Marzu 2015 fi zmien illi kien xoghol Ghawdex, xi hadd kien talbu johrog certifikat (li jinstab a foll. 107 ta' l-atti processwali), dwar l-griehi li kellu pazjent li kien ra erba' xhur qabel, wara li ra n-noti li kien kiteb meta kien ezaminah. Mistoqsi jekk l-griehi li kellu l-pazjent jirrizultax minn hakk sever, jew Chemical irritation bhal pepper spray u li jista' jikkawza brix fil-cornea, wiegeb illi jista' jkun, izda peress illi kiteb illi kienet barxa kbira x'aktarx ma saritx ghax xi hadd hakk ghajnejh.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi sehh argument gewwa Triq San Gejtanu, il-Hamrun u wara fl-Ghassa tal-Pulizija, il-Hamrun. Illi fl-ewwel lok l-argument eskala bejn iz-zewg akkuzati u l-parte civile, fejn l-istess parte civile ghandu proceduri ukoll fil-konfront tieghu. Illi waqt l-incident, apparti l-akkuzati kien hemm aktar membri tal-familja tal-akkuzati li spiccaw fl-idejn mal-parte civile. Jidher li l-akkuzati marru jikkonfrontaw lil parte civile li min-naha tieghu fuq ammissjoni tieghu stess hareg gulja mill-karrozza biex jidedefendi ruhu biha. Kemm il-parte civile kif ukoll l-akkuzati sofrew griehi, bl-akkuzat Nomar Apap gie aggredit bil-gulja tal-parte civile, waqt li allegatament intuza pepper spray fuq il-parte civile. Sfortunatament ma giex ipprezentat certifikat mediku tal-parte civile, u ghalkemm instab bott pepper spray fit-triq fejn sehh l-incident ma setghax jigi ikkonfermat li dan intuza mill-akkuzati fuq il-parte civile. Il-pulizija li hadet r-rapport tal-parte civile, kif ukoll l-iSpettur ikkonfermaw illi Raymond Debattista kellu riha ta' pepper spray u hruq f'wiccu. Iz-zewg akkuzati it-tnejn ikkonfermaw illi Nomar Apap tefa lil Raymond Debattista ma' l-art. Mix-xhieda moghtija fil-kaz odjern, irrizulta li meta marru l-ghassa, l-imputati gabu ruhhom b'mod illi ingurjaw lil WPS 145 bi kliem illi intuzaw meta kienet fil-qadi ta' dmirijitha.

**<u>Dwar l-Ewwel Imputazzjoni</u>**

Kif gie spjegat ben tajjeb minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fis-27 ta' Frar, 2013 Numru. 652/2011 fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) Vs Renald Briffa:**

"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn

VERA KOPJA

jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku, (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

"Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita.

L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu: "Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre." Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika. Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**, inghad illi l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti: "Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu *officio durante vel contemplatione officii*. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia *de visu*, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-*animus injuriandi*, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu *per se* ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna.

Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (*animus jociandi*) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (*animus reclamandi*). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb ta' l-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu *animus reclamandi*."

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirizulta sufficjent ipprovat li l-attegamet tal-imputati Noel Apap u Nomar Apap versu WPS145 Graziella Camilleri, kien ingurjuz bil-kliem illi intuzaw fil-konfront taghha.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-20 ta' Mejju 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro**, fejn inghad hekk: "Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:

"Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell T. Watkins L.J. which said: ' … Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which

VERA KOPJA

either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9, meta jkun hemm għemil volontarju, li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil, jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib." Issa f'dan il-kaz, it-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputati titkellem dwar ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Mix-xhieda, ghalkemm jirrizulta illi l-imputati protestaw, specjalement l-imputat Noel Apap, dwar l-ordni moghtija lilu mill-istess Ufficjali tal-Pulizija sabiex jaghlaq it-tieqa, biss ma jirrizulta minn imkien illi l-agir tal-imputati kien tali li oggettivament kien iqajjem imqar minimu ta' inkwiet jew thassib dwar l-inkolumita` fizika tal-istess Ufficjali tal-Pulizija jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta` fis-sens tas-sentenza fuq citata. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

Illi l-akkuza kif dedotta fit-tielet imputazzjoni kjarament tiriferi ghal griehi ta' natura hafifa skond l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda l-artikolu indikat fil-komparixxi, huwa l-artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi '*għad illi jkun xurban, igħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew jagħmel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;*' u stante li l-Artikolu fit-tielet imputazzjoni gie erronjament indikat, ghalhekk l-akkuzati ma jistawx jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni u ghalhekk qeghdin jigu lliberati fir-rigward it-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.

**<u>Konkluzzjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputati hatja ta' l-ewwel (1) akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Il-Qorti, ghad illi bl-ebda mod ma qed tiggustifika l-attegjament tal-imputati, fic-cirkostanzi tal-kaz thoss li ma jkunx spedjenti li timponi terminu ta’ prigunerija fuq l-imputati u ghaldaqstant a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem car u li jinftiehem illi jekk huma jwettqu xi reat iehor fi zmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huma jkunu jistghu jinghataw sentenza ghar-reat trattat f'dawn il-proceduri.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat

VERA KOPJA